

32007D0005

4.1.2007

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 1/11

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****ta' l-1 ta' Jannar 2007****li tistabbilixxi l-ordni ta' l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill**

(2007/5/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 203 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 116 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(1) tiegħu,

billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni 2005/902/KE, Euratom <sup>(1)</sup>, il-Kunsill stabbilixxa l-ordni ta' l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill għall-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea mid-data ta' l-1 ta' Jannar 2006,
- (2) Fl-1 ta' Mejju 2007 l-Unjoni Ewropea tikber b'żewġ Stati Membri ġodda,
- (3) Huwa għaldaqstant kunsiljabbli li tiġi prevista l-ordni ta' l-eżerċizzju tal-Presidenza tal-Kunsill, bl-inklużjoni ta' dawn l-Istati Membri l-ġodda u li tiġi adotta Deċiżjoni għda li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 2005/902/KE, Euratom,

*Artikolu 1*

1. L-ordni li fiha l-Istati Membri huma msejħa jeżerċitaw il-Presidenza tal-Kunsill mill-1 ta' Jannar 2007 'il quddiem hija stabbilita fl-Anness.

2. Il-Kunsill, li jaġixxi b'unanimità fuq proposta ta' l-Istati Membri konċernati, jista' jiddeċiedi li Stat Membru jeżerċita l-Presidenza matul perjodu divers minn dak li jirriżulta mill-ordni stabbilita fl-Anness.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tibda jkollha effett fl-1 ta' Jannar 2007.

Id-Deċiżjoni 2005/902/KE, Euratom hija b'dan imħassra.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Jannar 2007.

*Għall-Kunsill**Il-President*

F.-W. STEINMEIER

(<sup>1</sup>) ĠU L 328, 12.12.2005, p. 60.

## ANNEX

Ġermanja	Jannar-Ġunju	2007
Portugall	Lulju-Diċembru	2007
Slovenja	Jannar-Ġunju	2008
Franza	Lulju-Diċembru	2008
Repubblika Ċeka	Jannar-Ġunju	2009
Svezja	Lulju-Diċembru	2009
Spanja	Jannar-Ġunju	2010
Belġju	Lulju-Diċembru	2010
Ungerija	Jannar-Ġunju	2011
Polonja	Lulju-Diċembru	2011
Danimarka	Jannar-Ġunju	2012
Ċipru	Lulju-Diċembru	2012
Irlanda	Jannar-Ġunju	2013
Litwanja	Lulju-Diċembru	2013
Greċja	Jannar-Ġunju	2014
Italja	Lulju-Diċembru	2014
Latvja	Jannar-Ġunju	2015
Lussemburgu	Lulju-Diċembru	2015
Olanda	Jannar-Ġunju	2016
Slovakkja	Lulju-Diċembru	2016
Malta	Jannar-Ġunju	2017
Renju Unit	Lulju-Diċembru	2017
Estonja	Jannar-Ġunju	2018
Bulgarija	Lulju-Diċembru	2018
Awstrija	Jannar-Ġunju	2019
Rumanija	Lulju-Diċembru	2019
Finlandja	Jannar-Ġunju	2020